# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 34/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Gianluca CARUANA CURRAN u**
**Charles Joseph MERCIECA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2022 kontra l-appellati CARUANA CURRAN u MERCIECA fejn kienu ġew mixlija:

> Talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Novembru 2020 u/jew fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, ittantajtu li tħajru lil Ivan Martin, ġurnalist impjegat mal-kumpanija 'Allied Newspapers Limited' sabiex jagħmel delitt, u cioe li bħala ġurnalist in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew weħgda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom Ivan Martin ma kellux jedd.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lil CARUANA CURRAN u MERCIECA mhux ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom u illiberathom minnha u dan wara li laqgħet il-preġudizzjali sollevata mid-Difiża fis-sens illi l-akkuża miġjuba fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma kienetx tirrifletti r-reat kriminali li bih l-imputati kellhom jiġu mixlija u li tiegħu setgħu jiġu misjuba ħatja fuq dawk il-fatti skont il-liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati waslet għal dik il-konklużjoni wara li qieset li l-Prosekuzzjoni kienet xliet lil CARUANA CURRAN u lil MERCIECA bid-delitt ta' korruzzjoni waqt laqgħa li kienet saret mal-ġurnalista Ivan Martin fl-Uffiċju tal-imputati, u fejn l-imputat CARUANA CURRAN kien offra xi flus lil Martin li pero minn naħa tiegħu ma aċċettahomx.

3. Dik il-Qorti qieset li l-Pulizija Eżekuttiva kienet xliethom bir-reat ta' korruzzjoni attiva fil-privat. Iżda meta mbagħad l-Avukat Ġenerali ħarġet in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tagħha, hija ċċitat l-artikoli 115, 119 u 121 tal-Kodiċi Kriminali, oltre l-artikoli 42, 43 u 533 tal-istess Kodiċi. Dik il-Qorti għalhekk qieset li x-xilja skont il-Pulizija Eżekuttiva ma kienetx fuq l-istess binarju bħal ma kienu l-artikoli msemmija fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Qieset li dawk l-artikoli li huma inklużi f'dik in-nota kienu dawk l-artikoli li dwarhom dik il-Qorti riedet tiddeċiedi l-ħtija o meno tal-imputati. Inoltre, l-Avukat Ġenerali ma setgħetx iżżid reati li dwarhom ma tkunx saret il-kompilazzjoni.

4. Inoltre, dik il-Qorti għamlet distinzjoni bejn ir-reati ta' korruzzjoni attiva (artikoli 115 u 120 tal-Kodiċi Kriminali) u dak ta' korruzzjoni passiva (artikoli 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali). Il-korruzzjoni attiva hija dik kontemplata bl-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali u titratta l-għemil ta' min jipprova jikkorrompi. Din hija l-ipoteżi tar-reat misjuba fl-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva u hija wkoll dik li in bażi tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienet sabet li fuqha kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqegħdu taħt att t'akkuża. Anzi kif kien sostnut mid-Difiża, f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni kienet qegħda tixli bir-reat taħt l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reat ad hoc konsistenti fit-tentattiv tal-korruzzjoni attiva u mhux kompliċita fil-korruzzjoni passiva. Il-Qorti osservat li l-Prosekuzzjoni ma kienet intiża qatt li tixli wkoll lil Ivan Martin bir-reat ta' korruzzjoni passiva filwaqt li kienet qalet ukoll li ma kienx ser jittieħdu proċeduri kontrih in konnessjoni ma dan il-każ.

Għalhekk ġaladarba ebda reat ta' korruzzjoni passiva ma ġie kommess minn Ivan Martin, ma kienx legalment konċepibbli li l-imputati appellati jiġu mixlija bir-reat ta' kompliċita fil-korruzzjoni passiva.

5. L-imputazzjoni kif kienet oriġinarjament konċepita kienet tittratta l-allegat tentattiv ta' korruzzjoni attiva mill-imputati appellati fil-konfront ta' Ivan Martin. Iżda l-mod kif l-Avukat Ġenerali spiċċa xela lill-imputati appellati fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu kien żbaljat minħabba li f'dik in-nota l-Avukat Ġenerali indikat l-artikoli relattivi għall-korruzzjoni passiva fil-privat iżda ma indikatx l-artikoli relattivi għall-korruzzjoni attiva jew it-tentattiv tiegħu billi għalkemm iċċitat l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali naqset milli tikkwota l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali li kien dak l-artikolu li kien jirrifletti l-akkuża korretta fid-dawl tan-narrativa tal-prosekuzzjoni u l-provi prodotti f'dan il-każ.

6. Dik il-Qorti qieset li minkejja li l-partijiet kienu trattaw mhux biss l-aspetti proċedurali iżda wkoll il-meritu tal-każ, il-Qorti ma qiesetx li kien meħtieġ li tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri għajr dawk diġa magħmula. Kien għalhekk li għaddiet biex illiberat lill-imputati appellati.

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

7. L-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn allura talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati imsemmija iżjed il-fuq u minflok, abbażi tal-provi prodotti tgħaddi biex issib lill-appellati CARUANA CURRAN u MERCIECA ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skont il-liġi. Dan wara li l-Avukat Ġenerali qieset, in suċċint, is-segwenti:

   i. Ir-reat ta' korruzzjoni kien stabbilit bl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li l-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali kien jistabbilixxi l-piena fil-każ li r-reat imsemmi fl-artikolu 115 kien jassuma l-forma ta' korruzzjoni attiva. In-nota marġinali kienet indikattiva ta' din l-intenzjoni tal-leġislatur. Fejn fl-artikolu 115 kienet taqra' "korruzzjoni", fl-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali kienet taqra "piena għal min jikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku".

ii. L-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kien jistabbilixxi ebda reat ġdid. Fil-fatt anke l-lokuzzjoni adoperata mill-Leġislatur kienet tindika li dak imsemmi fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx tindika ħolqien ta' reat ġdid.
iii. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati għamlet ħafna enfażi fuq id-distinzjoni bejn korruzzjoni attiva u korruzzjoni passiva, il-Kodiċi Kriminali ma kienx jagħmel tali distinzjoni, fis-sens li ma kienx joħloq żewġ reati separati u distinti.
iv. L-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali kien intrinsekament marbut mal-artikolu 115 tal-istess Kodiċi billi filwaqt li l-artikolu 115 jistabbilixxi r-reat u joħloq l-elementi tar-reat, l-artikolu 120 jiddetta l-piena li kellha tiġi inflitta. Ma kien hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli tapplika l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li dan l-artikolu kien offshoot tal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.
v. L-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali kien jagħmel riferenza għall-artikoli 115, 116, 117 u 118 u b'hekk dak l-artikolu filwaqt li ma jistabbilixxix reat huwa kien jistipola piena għall-dawk l-artikoli preċedenti.
vi. Il-ġurisprudenza kienet tgħallem li fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali għandha tindika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom tista' tinstab ħtija. Għalhekk ma kienetx marbuta li tinkludi l-artikoli li jistabbilixxu l-piena. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali kienet stipulat liema kienu l-artikoli li joħolqu r-reat – l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali – u għalhekk kellha tinstab ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.
vii. L-akkużi kif miġjuba fil-komparixxi kienu jirrispekkjaw il-provvediment tal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, bl-artikolu 120 jipprovdi l-piena applikabbli għall-azzjoni tal-appellati taħt l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.
viii. L-Avukat Ġenerali inkludiet fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-artikolu 121 tal-Kodiċi Kriminali li fis-subinċiż (2) tiegħu kien japplika l-artikolu 120 fl-intier tiegħu għall-korruzzjoni skont kif kien jemani mill-artikolu 115 tal-istess Kodiċi. B'hekk l-artikolu 121(2) kien jorbot l-artikolu 120(1)(2) mal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. U dan b'mod partikolari fejn dawk id-disposizzjonijiet tal-artikoli 115 u 120 ġew reżi applikabbli wkoll għas-settur privat.
ix. Il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlitx approfondiment fil-meritu u dan peress li dik il-Qorti qieset li ladarba l-Avukat Ġenerali ma nkludietx l-artikolu 120(2) fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju allura hija ma setgħetx issib lill-appellanti ħatja. L-Avukat Ġenerali qieset li dan ir-raġunament ma kienx isib konfort fil-liġi

u l-ġurisprudenza li kienet tobbliga lill-Avukat Ġenerali biex fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tindika l-artikolu li jistabbilixxi r-reat; u f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali dan għamlitu meta ċitat l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li biha lliberat lill-appellanti ma kienetx sikura u sodisfaċenti.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. F'dan il-każ, din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-Avukat Ġenerali. B'żieda ma dak li diġa qalet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza appellata, nonche dak sottomess mid-Difiża fir-risposta dettaljata tagħha, u a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti sejra tesprimi biss dak li ġej:

9. Huwa minnu li r-reat ta' korruzzjoni kien stabbilit bl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u jirrakjudi fih l-elementi ta' dan ir-reat. Il-korruzzjoni (passiva) kienet sa mill-bidu tal-Kodiċi Kriminali regolata b'artikolu ad hoc ossija l-artikolu 107, li kien jipprovdi għall-ipoteżi tar-reat segwenti:

> Qualunque ufficiale od impiegato sotto il governo, il quale in occasione del suo ufficio od impiego accettasse doni, promesse od offerte, sara' punito come segue...

10. Mill-banda l-oħra, sa mill-bidu nett, dak li kien l-artikolu 111 tal-Kodiċi Kriminali, illum l-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx jistabbilixxi **<u>biss</u>** il-piena applikabbli għal min jikkommetti r-reat ipotizzat fl-artikolu 115 (ġja l-artikolu 107) tal-istess Kodiċi. Sa mill-bidu nett, dan l-artikolu li kien iġib in-numru 111 tal-Kodiċi Kriminali oriġinali kien jipprovdi li:

> Pel corruttore dell'ufficiale od impiegato, nei casi contemplati negli articoli 107, 108 e 109, si osservano le regole di complicita'.

11. Dan allura juri li kwantu għall-posizzjoni tal-korruttur, il-Liġi Maltija kienet, u għadha sal-lum, tqisu li jikkonfigura bħala kompliċi mal-uffiċjal jew impjegat publiku – u illum ukoll privat – fl-atti ta' korruzzjoni meta dawn ikunu ġew integrati. Dan għaliex din il-posizzjoni evidentement tippreżumi li biex il-korruttur jitqies kompliċi mal-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew privat, dan tal-aħħar ikun irid **<u>wettaq</u>** ir-reat tal-korruzzjoni. Bħala regola, ma tistax legalment

tikkonfigura l-kompliċita' meta s-suġġett attiv ma jkun la kkommetta r-reat u l-anqas ittenta li jwettaq dak ir-reat. L-anqas huwa konfigurabbli t-tentattiv ta' kompliċita'. B'hekk fl-ipoteżi fejn il-potenzjali korruttur attiv ikun għamel l-avvanz bl-offerta xellerata, iżda l-kandidat uffiċjal pubbliku jew privat magħżul ma jkunx aċċetta dik l-offerta, l-estremi tal-*pactum sceleris* ma jkunux ġew perfezjonati. B'daqshekk ma jkunx ifisser li l-potenzjali korruttur attiv ma jkun għamel xejn ħażin.

12. U kien għalhekk li l-Leġislatur Malti, bl-Ordinanza numru 1 tal-1903 għażel li speċifikament jippenalizza din l-ipoteżi bl-introduzzjoni tar-reat ad hoc li ġie miżjud ma dak li kien l-artikolu 111 tal-Kodiċi Kriminali oriġinali biż-żieda tas-sub-artikolu tnejn, illum l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali.

13. Illum dan l-artikolu jaqra hekk:

> (2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:
> Iżda meta d-delitt huwa dak imsemmi fl-artikolu 117(ċ), il-piena ma tistax tkun iżjed minn tmintax-il xahar priġunerija.

14. B'din l-introduzzjoni ta' dan ir-reat issa kien ġie mimli dak il-vojt legali li kien hemm qabel fejn il-potenzjali korruttur attiv ikun għamel l-avvanz bl-offerta xellerata, iżda l-kandidat uffiċjal pubbliku jew privat magħżul ma jkunx aċċetta dik l-offerta il-korruttur attiv potenzjali ma kien jeħel xejn – peress li ma setgħax jitqies kompliċi ma persuna li ma tkunx wetqet id-delitt ġaladarba ma aċċettatx il-wegħda jew offerta xellerata tal-korruttur attiv.

15. Issa allura ġiet li l-azzjoni tal-korruttur attiv innifisha li biha jkun ittenta li jikkorrompi lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku (u illum anke dak privat) ġiet speċifikament inkriminata indipendentement mill-aċċettazzjoni o meno tal-offerta tiegħu minn naħa tal-uffiċjal pubbliku jew privat. Anzi biex dan ir-reat ikun jista' jiġi meqjus kommess minn dan il-potenzjali korruttur, l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew privat ma jkunx irid aċċetta dik l-offerta xellerata.

16. Dan ir-reat ipotizzat fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali - huwa **<u>fattispecie awtonomu</u>** minn dak previst fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u ġustament ritenibbli bħala reat *ad hoc*.

17. L-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jeżistix f'vakum. Huwa jitratta reat li jifforma parti mill-*genus* ta' reat ta' korruzzjoni li huma regolati f'dak is-Sub-Titolu IV Fuq l-Abbuż tal-Awtorita Pubblika. Allura f'dan is-sens hemm rabta mal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali; u bħall-artikoli 116, 117, 118 u 121 tal-Kodiċi Kriminali l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa *species* ta' dan il-*genus.* Iżda b'daqshekk ma jfissirx li għall-fattispecie ta' dan il-każ il-Prosekuzzjoni setgħet tixli lill-appellati billi tinkludi biss l-artikolu 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali mingħajr riferenza speċifika għall-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali.

18. Hu veru wkoll li bħala regola, in-nota marġinali ma għandha ebda rilevanza u valenza legali. F'dan il-każ, in-nota fil-marġini għall-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali taqra "piena għal min jikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku". Iżda din in-nota f'dan il-każ iżjed fixklet milli għenet is-soluzzjoni ta' dan il-każ. Fl-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali wieħed ma jsibx biss piena differenti minn dik stabbilita fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali iżda hemm ukoll fiha reat *ad hoc*, bi tfassila u b'tifsira differenti għal dak li jikkostitwixxi kemm l-għemil li jsawwar ir-reat kif ukoll min ikun jista' jwettaq dak ir-reat; u li kemm dan l-għemil kif ukoll is-suġġett attiv tar-reat huma differenti minn dawk preskritti fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.

19. Fejn fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali is-suġġett attiv tar-reat huwa l-*intraneus*: l-uffiċjal pubbliku jew il-privat skont il-każ, mill-banda l-oħra fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali is-suġġett attiv tar-reat huwa l-*extraneus*, il-persuna li tkun qed tittenta li tikkorrompi lill-uffiċjal pubbliku jew il-privat skont il-każ.

20. Fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali l-imġieba inkriminata hija dik tal-uffiċjal pubbliku jew privat li in konnessjoni mal-impjieg jew karika tiegħu jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ ieħor li għalihom ma jkollux jedd. Mill-banda l-oħra l-imġieba inkriminata fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali hija dik tal-persuna li tkun ittantat li tħajjar lil uffiċjal pubbliku jew privat biex jagħmel id-delitt ta' korruzzjoni passiva <u>meta dan l-uffiċjal pubbliku jew privat ma jkunx għamel</u> id-delitt ta' korruzzjoni passiva.

21. L-Avukat Ġenerali tgħid li l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kien jistabbilixxi ebda reat ġdid għax anke l-lokuzzjoni adoperata mill-Leġislatur kienet tindika li dak imsemmi fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx tindika <u>ħolqien</u> ta' reat ġdid. Iżda d-Difiża

wriet b'mod inkonfutabbli grazzi għall-awtorita ta' dottrina u ġurisprudenza kif dak previst fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali kien ritenut bħala reat *sui generis* u reat speċjali.

22. Huwa minnu li l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għad-"delitt" jalludi għall-ipoteżi ta' korruzzjoni passiva msemmija fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li din l-allużjoni kienet legalment tirrendi l-ipoteżi tar-reat maħluq bl-artikolu 120(2) ħaġa waħda mal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali b'mod li dawn jitqiesu reat uniku.

23. Din il-Qorti l-anqas ma taqbel mal-Avukat Ġenerali li l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi biss il-piena li għandha tiġi inflitta fl-ipoteżi hemmhekk imsemmija in kwantu huwa *offshoot* tal-artikolu 115. Tant dan mhux hekk li anzi biex ikun jista' jiġi integrat ir-reat imsemmi fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ li r-reat imsemmi fl-artikolu 115 ma jkunx seħħ. Għalhekk l-eżistenza tar-reat imsemmi fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali ma tiddependix mit-twettieq tar-reat fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.

24. Dan ukoll jiddistingwi l-ipoteżi tar-reat taħt l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali minn dawk msemmija fl-artikoli 116 u 117 tal-Kodiċi Kriminali li biex iseħħu jistrieħu fuq l-integrazzjoni tar-reat imsemmi fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn iż-żewġt artikoli huma intrinsekament marbuta mal-kommissjoni tar-reat imsemmi fl-artikolu 115(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu joħolqu parametri ta' pieni differenti minn dawk previsti fl-artikolu 115 u liema piena speċjali preskritta fihom hija dipendenti fuq il-gravita tal-konsegwenzi riżultanti mill-azzjoni li l-uffiċjal pubbliku korrott ikun ħa in segwitu għall-aċċettazzjoni tal-ħlas, wegħda jew offerta mingħand il-korruttur fis-sensi tal-artikolu 115(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

25. Iżda anke hemm, dawn l-ipoteżi differenti ma jippreskrivux biss pieni differenti iżda wkoll **presupposti fattwali differenti** li huma marbuta mal-kommissjoni tar-reat imsemmi fl-artikolu 115(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk f'dan ix-xenarju, il-Prosekutur ikun marbut mhux biss li fl-att akkużatorju jinkludi r-riferenza għall-artikolu 115(1)(ċ), iżda wkoll għall-dak l-artikolu partikolari li minnu jitnisslu dawk il-presupposti fattwali differenti u partikolari kif riżultanti fl-artikoli 116 u 117 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk anke jekk forsi u biss *gratia argomenti*, bl-argumentazzjoni tal-Avukat Ġenerali b'mod analoġiku, dawn iż-żewġt artikoli jistgħu b'xi mod jitqiesu *offshoots* tal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, xorta waħda ma jeżonerax lill-

Prosekutur milli jinkludihom ilkoll b'mod espliċitu fl-ipoteżi akkużatorja fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu.

26. Huwa minnu li l-artikolu 120(1) tal-Kodiċi Kriminali jagħmel ukoll riferenza għall-artikoli 115, 116 u 117 tal-Kodiċi Kriminali meta joħloq il-figura tal-kompliċita fir-rigward tal-korruttur attiv meta l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew privat jaċċetta jew jirċievi l-offerta xellerata. Iżda kif spjegat, din ir-riferenza ssir sabiex il-Liġi tikkriminalizza b'dan il-mod pekuljari l-imġieba korruttriċi attiva ta' din il-persuna. B'daqshekk ma jfissirx li l-artikolu 120(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa legalment indistingwibbli dawk l-artikoli jew li hu reat uniku magħhom. L-ipoteżi inkriminatorja kontenuta fih hija differenti u separata minn dawk li jipprovdu dawk l-artikoli.

27. Filwaqt li l-integrazzjoni tar-reati msemmija fl-artikoli 116 u 117 tal-Kodiċi Kriminali tiddependi mill-integrazzjoni tal-korruzzjoni skont l-artikolu 115 tal-istess Kodiċi, dan mhux il-każ fl-ipoteżi tar-reat imsemmija fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali: u dan għaliex biex iseħħ dan id-delitt ma jridx jirriżulta li kien hemm l-aċċettazzjoni minn naħa tal-uffiċjal pubbliku jew privat. Għalhekk ukoll, aktar u aktar kien meħtieġ għall-Avukat Ġenerali li tinkludi r-riferenza speċifika għall-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tagħha f'dan il-każ.

28. Huwa minnu wkoll li l-ġurisprudenza teħtieġ li n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tindika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom tista' tinstab ħtija. U kien preċiżament għalhekk li f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali kellha tindika l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali għaliex l-inklużjoni tal-artikoli 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx biżżejjed biex ikun jista' jingħad li l-akkuża hija integra.

29. L-Avukat Ġenerali tisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet ħafna enfażi fuq id-distinzjoni bejn korruzzjoni attiva u korruzzjoni passiva meta l-Kodiċi Kriminali ma kienx jagħmel tali distinzjoni, fis-sens li ma kienx joħloq żewġ reati separati u distinti. Huwa minnu li l-Liġi Maltija ma tgħidx iswed fuq l-abjad li hemm distinzjoni bejn il-korruzzjoni passiva u l-korruzzjoni attiva. Dan jikkuntrasta l-posizzjoni adottata fil-*Criminal Law Convention on Corruption* tal-Kunsill tal-Ewropa li tiddistingwi bejn "active bribery in the private sector" mill-"passive bribery in the private sector" billi rregolat dawn iż-żewġt reati taħt artikoli separati tal-Konvenzjoni – l-artikoli 7 u 8 rispettivament. Għalkemm il-Liġi Maltija tonqos milli tistqarr din id-

distinzjoni espliċitament fin-noti marġinali ma jfissirx li oġġettivament ma tagħmilx din id-distinzjoni.

30. L-Avukat Ġenerali targumenta wkoll li għax fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju inkludiet l-artikolu 121 tal-Kodiċi Kriminali li fis-subinċiż (2) tiegħu kien japplika l-artikolu 120 fl-intier tiegħu għall-korruzzjoni skont kif kien jemani mill-artikolu 115 tal-istess Kodiċi, allura dan kien biżżejjed biex jissana l-akkuża għax b'hekk l-artikolu 121(2) kien jorbot l-artikolu 120(1)(2) mal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali b'mod partikolari fejn dawk id-disposizzjonijiet tal-artikoli 115 u 120 ġew reżi applikabbli wkoll għas-settur privat. Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja argumentattiva. L-artikolu 121(2) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li l-artikoli 115 sa 117, 119 u 120(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali jgħoddu għal u dwar ġurati kif igħoddu għal u dwar uffiċjali jew impjegati pubbliċi msemmija fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif persuna tista' għalhekk tiġi mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' korruzzjoni bl-inklużjoni tal-artikoli 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma jiġi wkoll inkluż l-artikolu 120(2) tal-istess Kodiċi sempliċiment għaliex il-Prosekutur ikun inkluda referenza għall-artikolu 121 tal-Kodiċi Kriminali.

31. Bid-dovut rigward, jekk l-Avukat Ġenerali kienet temmen – kif jidher li kienet temmen il-Pulizija Eżekuttiva meta ħarġet l-imputazzjonijiet li jidhru miktuba fil-kompari xxi – li l-imputati appellati aġixxew ta' potenzjali korrutturi attivi fil-konfront ta' Ivan Martin - li pero ma aċċettax l-offerta tagħhom u li għalhekk ġie dikjarat li ma kienux sejrin jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu - allura l-istess Avukat Ġenerali kellha tqis li dak il-każ kien jammonta għar-reat speċjali u *ad hoc* tat-tentattiv ta' korruzzjoni ta' Ivan Martin skont kif previst mill-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-ineżistenti kompliċita fir-reat ta' korruzzjoni passiva kif donnhom l-artikoli ċitati minnha fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tagħha jagħtu wieħed x'jifhem...

32. Kif tenniet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, ladarba l-Avukat Ġenerali indikat dawk l-artikoli relattivi għall-korruzzjoni passiva fil-privat (l-artikoli 42, 43, 115, 119, 121 u 533 tal-Kodiċi Kriminali) u ma indikatx l-artikol speċifiku relattiv għat-tentattiv tagħha (l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali) dik il-Qorti ma setgħetx tapplika dawk id-disposizzjonijiet tal-Liġi għal dan il-każ. Dan peress li l-ipoteżi tar-reat kontemplata mill-Prosekuzzjoni ma kienetx tinkwadra fil-parametri tal-eventwali akkuża maħruġa mill-

Avukat Ġenerali u li fuqha dik il-Qorti setgħet issib il-ħtija fl-imputati appellati. B'hekk anke jekk, *gratia argomenti*, il-fatti pruvati setgħu kienu juru li kien hemm tentattiv ta' korruzzjoni ta' Ivan Martin, dik il-Qorti xorta waħda ma setgħetx issib lill-imputati appellati ħatja ta' dak l-aġir u dan peress li huma akkużati b'ipoteżi legali żbaljata.

33. Għalhekk ukoll kienet korretta dik il-Qorti li ma ħlietx iżjed ħin prezzjuż tagħha fuq indaġini ulterjuri tal-fatti tal-każ in kwantu anke jekk setgħu kienu jirriżultaw xorta ma setgħetx issibhom ħatja in bażi għall-akkużi li kienu miġjuba kontra tagħhom fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju imsemmija iżjed il-fuq.

# DECIDE

**Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi dil-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**